MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 313/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Schembri**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Schembri talli:

(1) b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Jannar 2011, Frar 2011, Marzu 2011 u April 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rosalie Schembri u/jew lill-ulied is-somma ffissata fil-gimgha minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il

jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

(2) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta' Ottubru 2010, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Joseph Schembri hati u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Schembri pprezentat fit-8 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' l-unika imputazzjoni migjuba kontrieh, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena. Alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghall-piena nflitta fuqu, u dan billi timponi piena hafna aktar ekwa u gusta ghall-fattispeci tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti peress illi strahet esklussivament fuq ix-xiehda tal-parti leza. Dan mhuwiex minnu. Difatti mill-affidavit ta' P.S. 72 B. Galea jirrizulta illi meta, wara r-rapport li kienet ghamlet mart l-appellant, kellem lill-appellant, l-appellant ammetta li ma kienx hallas il-manteniment dovut. Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant hallas is-somma dovuta, tant illi fis-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2011 quddiem din il-Qorti huwa ghadda lil martu seduta stante l-bilanc dovut u martu ddikjarat illi ma kellhiex aktar interess fil-kawza. Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimaghtejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------